# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Jannar 2024

Ħarġa Nru 36



Ħbieb il-Kappelli Maltin

***PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta***
*e-mail:* ***kappellimaltihbieb@gmail.com***
***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***

# EDITORJAL

**Kumitat 2023—2025**

**President**
Valent Xuereb

**Viċi-President**
(vakant)

**Segretarju**
Adrian Schinas

**PRO Editur Fuljett**
Norbert Gingell

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Membru responsabbli mill-attivitajiet**
Owen Caruana

**Membru**
Godfrey Mangion
Rita Buhagiar
Rose-Anne Mamo
Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Il-kappella tal-Madonna tal-Ħniena, Qrendi

Ritratt: M Schembri

Għeżież Membri u Ħbieb,

Din hija l-ewwel ħarġa tal-fuljett għal din is-sena ġdida, 2024. Filwaqt li nispera li kellkom Milied feliċi mal-familji tagħkom, nawguralkom f'isem il-membri tal-Kumitat sena ġdida mimlija risq, hena, u fost kollox saħħa.

Il-Kumitat matul l-aħħar ġimgħat tas-sena 2023 beda jaħdem fuq program ta' attivitajiet sà Ġunju 2024, meta mbagħad nieqfu għax-xhur sajfin sakemm nerġgħu nibdew ħidmietna f'Ottubru.

F'dan ix-xaħar ta' Jannar, bħal kull sena nżommu l-Laqgħa Ġenerali Annwali, fejn il-President, is-Segretarju u t-Teżorier jagħtuna rendikont tà kull ma sar matul ix-xhur tas-sena 2023. Waqt il-laqgħa, li ser issir qabel ma nibdew il-ħarġa tax-xahar, ser ikollna l-elezzjoni għal kumitat il-ġdid, dejjem jekk ikun hemm aktar membri li joħorġu għal Kumitat milli hu stabbilit fl-Istatut. Inħeġġu lil dawk li jixtiequ jagħtu kontribut fil-ħidma tal-Għaqda sabiex jitfgħu isimhom fil-lista għall-elezzjoni tal-Kumitat ħalli l-Għaqda dejjem ikollha demm ġdid u b'hekk tkompli tiġġedded fil-ħidma tagħha.

Aktar informazzjoni dwar din l-Laqgħa Ġenerali Annwali kif ukoll dwar l-attività għal Jannar ser issibuhom fl-ittra elettronika li se tirċievu separatament minn dan il-fuljett.

Fl-aħħar żjara li għamilna fil-Qrendi, laħħaqna biss inżuru żewġ kappelli però xorta qed ninkludu informazzjoni fuq il-kappelli li ma żorniex għall-informazzjoni tagħkom.

Narawkom

*N. Gingell*
Għal Kumitat



Statwa Spanjola tal-Madonna li tinsab fil-kappella tal-Madonna tal-Ħniena u li ġiet restawrata.

# Il-Knisja ta' San Mattew tal-Maqluba u l-Kripta, il-Qrendi

Naħseb li ftit huma dawk li qatt ma semgħu bil-ħofra tal-Maqluba li tinsab fil-Qrendi. Il-knisja ta' San Mattew tinsab f'dawn l-inħawi. Minbarra l-knisja nsibu wkoll grotta li tidħol għaliha minn ġol-knisja u tasal għaliha billi tinżel ftit tarġiet u hi meqjusa bħala l-ewwel knisja u hi magħrufa bħala ta' 'San Mattew iż-Żgħir'. Din il-grotta tinsab f'xifer il-ħondoq u hu maħsub li taf il-bidu tagħha għas-seklu XIII. Kienet tagħmel parti mir-raħal żgħir ta' Ħal Lew.



Dehera tal-Knisja ta' San Mattew il-Kbira

Fil-viżta appostolika li kien għamel Mons. Pietru Dusina kien iddeskriva l-grotta f'kundizzjoni tajba b'dak kollu neċessarju biex isiru funzjonijiet u servizzi reliġjużi iżda ma kellix rettur. Iżda dak iż-żmien kien hemm l-armla ta' Ninu Zammit li mill-qbiela ta' żewġ għelieqi li kellha fl-inħawi kienet tagħmel tajjeb għall-quddies u vespri fil-festa ta' San Mattew.

Il-knisja ta' 'San Mattew il-Kbir' bdiet tinbena fl-1674 u tlestiet fl-1682. Ġiet imbierka mill-Kappillan tal-Qrendi, li allura l-Qrendi kien laħaq inqata' miż-Żurrieq, fit-12 ta' Settembru 1683.

Il-knisja għandha faċċata sempliċi b'żewġ pilastri stil Toskan fil-kantunieri li jwasslu saċ-ċinta. Bieb rettangolari bejn żewġt itwieqi kwadri, u tieqa oħra kważi ovali ftit filati 'l fuq mill-bieb. Għandha żewġ kampnari, wieħed fuq kull naħa kif ukoll żewġ bibien oħra fil-ġnub tagħha.



L-artal u l-istatwa ta' San Mattew fil-kappella ż-żgħira ta' San Mattew



L-artal tal-kappella ta' San Mattew fil-kappella l-kbira tal-Maqluba

Fit-12 t'April 1942 din il-knisja ntlaqtet waqt ħbit mill-ajru u wara l-gwerra l-Kappillan Dun Mattew Magro inkariga lill-perit S. Privitera sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa fosthom dak tal-faċċata tal-knisja.



Il-kappelli ta' San Mattew il-kbira u ż-żgħira li qegħdin biswit xulxin

Il-knisja għandha forma rettangulari, ftit kbira u għandha artal wieħed. Għandha saqaf troll għoli b'9 ħnejjiet li jserrħu fuq gwarniċa li ddur mall-kappella. Il-kwadru ewlieni li hu mdawwar bi gwarniċa sempliċi, juri l-martirju ta' San Mattew, li l-festa liturġika taħbat fil-21 ta' Settembru, huwa xogħol Giuseppe D'Arena u sar fl-1688 bi flus il-Franċiż Nikolò Communet. Fl-1988 dan il-kwadru nsteraq, imma kien instab mill-pulizija fid-19 ta' Settembru. Wieħed isib ukoll bosta xogħolijiet artitiċi, fosthom dawk tat-Tlugħ ta' Sidtna Marija s-Sema u tal-Madonna tar-Rużarju, li juri ukoll xeni tal-Posti tar-Rużarju. Ma nafux minn kienu l-artisti li pittru dawn il-kwadri.



Id-daħla għal għar jew grotta oriġinali għall-kappella ta' San Mattew iż-żgħira

Fl-1834, fuq il-bieb minn ġewwa saret gallarija bi flus il-prokuraturi Dun Mikiel Zammit u Dun Ġio Anton Spiteri. Il-knisja hi miżmuma tajjeb ħafna. Tintuża mill-għaqdiet reliġjużi, jsir quddies u popolari biex isiru żwieġijiet.




It-titular tal-martitju ta' San Mattew fil-kappella l-kbira ta' San Mattew

Fl-1998 sar restawr tal-knisja kif ukoll tisbieħ ta' madwarha bħala l-proġett tal-millenju tal-Qrendi. Sar ukoll restawr u tindif tal-pittura titolari ta' San Mattew.

Saru wkoll kċina żgħira u faċilitajiet sanitarji fis-sagristija li għamel din il-kappella aktar attraenti għal min ikun irid jużaha għall-irtiri u ġranet ta' talb.

*Kitba: Louis Fenech*
*Miġbura minn diversi sorsi*

*Ritratti: N Gingell*

# Il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena Il-Qrendi



Jingħad li l-ewwel kappella ddedikata lill-Madonna tal-Ħniena kienet diġà teżisti fl-1250 fir-raħal antik ta' Ħal Lew. Dak iż-żmien dan ir-raħal kien jagħmel mal-parroċċa taż-Żurrieq u din il-kappella kienet isservi bħala viċi parroċċa għall-ħtiġijiet ta' dawk li kienu joqogħdu f'dawk l-inħawi. Meta Mons. Pietru Dusina żar din il-kappella fl-1575 sabha fi stat ħażin ħafna u ordna li tingħalaq sa ma jsiru t-tiswijiet meħtieġa.



Skavar tal-knisja medjovali

Fil-15 ta' Frar 1618, l-Isqof Balthasar Cagliares waqqaf il-parroċċa tal-Qrendi u l-irħula ta' Ħal Lew u Ħal Manin inqatgħu minn maż-Żurrieq u saru parti mill-parroċċa l-ġdida.

Fl-1650 daħal Giovanni Schembri biex jibni l-knisja li naraw illum. Sa dan it-tant id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ħniena kompliet tikber b'tali mod li Achille Ferris ikkumenta li d-devozzjoni lejn s-Santwarju tal-Mellieħa biss kienet tgħaddi dik lejn dan is-santwarju.



Il-kappella restawrata minn naħa ta' wara




Il-Madonna tal-Ħniena (1690)
*Giuseppe D'Arena (c.1643-1719)*
*Kappella Madonna tal-Ħniena - Qrendi*

It-titular il-Madonna tal-Ħniena

L-istess apprezzament kien stqarru l-Isqof Gerolamo Molina fl-1679 u l-Isqof Paolo Alpharan de Bussan fl-1745 meta osservaw l-għadd kbir ta' kwadri '*ex-voto*' li kien hemm f'din il-knisja.

Żewġ benefatturi kbar oħra ta' din il-knisja kienu Fra Wolfgang von Guttenberg, li l-arma tiegħu tidher fuq diversi opri tal-arti u ornamenti li nsibu f'din il-knisja kif ukoll fuq il-fonti tal-magħmudija magħmul f'għamla ta' arzella; u l-ieħor kien Dun Gammarì Camilleri.

Il-knisja għandha tliet artali. Il-prospettiva tal-artal maġġur hi mżejna bi skultura tassew sabiħa. Żewġ anġli kbar jidhru qed iżommu l-gwarniċun tat-titular filwaqt li aktar 'l fuq hemm aktar anġli fi sfond ta' sħab u raġġi. Il-kwadru titulari, li juri l-Madonna b'Ġesù żgħir f'idha bilqiegħda fuq is-sħab, hu ta' Giuseppe d'Arena. Pitturi oħra huma dawk tal-Madalena attribwit lill-iskola tal-Preti, ta' Sant'Antnin ta' Padova ta' Rocco Buhagiar filwaqt li hemm Kurċifiss li aktarx hu xogħol ta' Suor Maria de Domenicis.

Il-knisja għandha bieb rettangolari prinċipali qiegħed bejn żewġt itwieqi kwadri. Quddiem il-knisja hemm portiku sabiħ ħafna b'ħames ħnejjiet u huwa



L-artal ewlieni bit-titular f'postu wara restawr



L-arma ta' Fra Wolfgang von Guttenberg fuq il-bieb tas-sagristija



Il-koppla minn ġewwa wara li ġiet restawrata

mdawwar bil-balavostri. Fin-naħa ta' fuq tal-faċċata ta' dan il-portiku hemm diversi niċeċ bi statwi mdaqqsa. Fil-ġenb tal-knisja hemm bieb jagħti għas-sagristija li nbniet fl-1668.

Matul dawn l-aħħar sentejn id-Direttorat tar-Restawr għamel xogħolijiet estensivi f'din il-kappella. B'sorpriża meta nqala l-madum tal-art instabu ħitan ta' kappella aktar antika, x'aktarx ta' żmien medjevali. Ix-xogħol tlesta matul din is-sena u wieħed illum jista jammira s-sbuħija arkitettonika ta' din il-kappella.



Font tal-ilma mbierek

*Kitba: Louis Fenech*
*Miġbura minn diversi sorsi*

*Ritratti: N Gingell, Direttorat tar-Restawr*

# Il-Kappella tas-Salvatur
# Il-Qrendi



Din il-kappella nbniet fl-1658 minn Benedittu Camilleri, minflok oħra li kien hemm qabilha. Il-benefattur ta' din il-kappella, Dun Ġalanton Camilleri, kien jagħmel tajjeb għall-vespri u l-quddies f'jum il-festa.

L-ewwel kappella li Mons. Pietru Dusina kien żar fid-9 ta' Frar 1575 meta beda l-viżta pastorali tiegħu fil-Qrendi kienet din u kienet iddedikata lis-Salvatur. Mons. P. Dusina sab li kienet nieqsa minn kollox u lanqas rettur ma kellha. Kien hemm ċertu Vicentius Aquilina li kellu xi artijiet li kien jagħmel tajjeb għall-quddies fil-festa. Ma' din il-kappella kien hemm ċimiterju.

Din il-kappella tissemma wkoll fil-viżti pastorali li għamlu l-Isqfijiet Baldassere Cagliares fl-1618 u Michele Balaguer fl-1656 - 1659. Dan tal-aħħar jinnota li l-kappella li kien qiegħed iżur kienet għadha kemm inbniet mill-ġdid flok oħra li kien hemm.

Kemm l-Isqof Michele Gerolamo Molina fl-1679 kif ukoll l-Isqof Davide Cocco Palmieri fl-1686 jinnutaw li din il-kappella kellha tliet bibien u artal wieħed tal-ġebel li fuqu kien hemm it-titular li kien juri t-Trasfigurazzjoni ta' Kristu.

Il-kappella li għandha għamla rettangulari għandha faċċata sempliċi, b'bieb rettangulari fin-nofs bejn żewġt itwieqi. Fuq kull naħa tal-bieb hemm pilastri stil Doriku li fuqhom iserraħ pediment segmentali maqsum. Ftit 'l fuq mill-bieb hemm tieqa oħra tonda biex iddawwal il-kappella. Għandha kampnar żgħir, li fuqu hemm salib tal-ġebel b'qanpiena waħda, u żewġ ornamenti tal-ġebel li jispiċċaw f'forma ta' fjamma kbira, waħda f'kull kantunieri tal-bejt. Għandha ukoll bieb fil-ġenb. Fuq quddiem tal-kappella hemm zuntier żgħir li titla' għalih b'ħames tarġiet.

F'din il-kappella nsibu artal wieħed ta' għamla tassew sempliċi u prespibterju. Illum m'hemmx kwadru titulari, imma fuq l-artal hemm urna li fiha jkun hemm espost is-Sagrament għall-qima tal-pubbliku.

Għandha saqaf troll, b'xorok li huma ddekorati b'disinji sempliċi mpittra fuqhom, imqiegħed fuq sitt arkati li jserrħu fuq ċinta li ddur mal-kappella. Fuq il-bieb prinċipali hemm gallarija tal-ġebel li sserraħ fuq kolonni tondi.

Fis-sittinijiet din il-kappella kienet tintuża bħala sala parrokkjali fejn kienu jsiru laqgħat reliġjużi u edukattivi kif ukoll attivitajiet biex jinġabru l-flus. Fl-1997 sarilha restawr u l-kappella tinżamm f ' kunduzzjoni tajba.

*Kitba: Louis Fenech*
*Miġbura minn diversi sorsi*

*Ritratti: N Gingell*



Ħarsa minn quddiem tal-artal ewlieni u s-saqaf trill impitter

# Il-Kappella ta’ Santa Katerina Il-Qrendi

Din l-kappella ddedikata lil Santa Katerina hija waħda antika ħafna u magħrufa bħala *Tat-Torba*. Aktarx li ġiet iddedikata lil Santa Katerina peress li l-Qrendi, qabel ma sar parroċċa għalih fl-1618, kien jagħmel mal-paroċċa taż-Żurrieq. Din il-kappella inbniet minflok oħra li kien hemm ftit ’l bogħod minn fejn tinsab dik preżenti, fl-inħawi magħruf bħala *Bieb is-Żejtunija*. Mons. Pietru Dusina jsemmiha fil-viżta pastorali li kien għamel fl-1575 u jinnota li kellha artal wieħed u kienet nieqsa kważi minn kollox. Fl-1624 l-Isqof Balthasar Cagliaresi pprofanaha. Fl-1626 Beneditto Camilleri daħal għall-ispejjeż meħtieġa biex tinbena mill-ġdid il-kappella li naraw illum minn fewdu ta’ art li kellu “*ta’ Wied il-Ħafra*”. Dan Beneditto għammarha b’dak kollu li kien meħtieġ u kienet tiġi ċċelebrata l-festa tal-qaddisa li taħbat fil-25 ta’ Novembru. Qrib il-knisja kien inbena wkoll ċimiterju.


Il-kappella ta’ Santa Marija tat-Torba, il-Qrendi

Il-kappella għandha saqaf troll, b’xorok iserrħu fuq sitt ħnejjiet li jserrħu fuq ċinta li ddur mal-knisja. Għandha artal wieħed tal-ġebel, li warajh hemm speċi ta’ sagristija li tidħol għaliha minn żewġ bibien li hemm wieħed kull naħa tal-artal. Din is-sagristija saret żmien wara li l-knisja kienet inbniet u biex saret ressqu l-artal ’l quddiem u tellgħu l-ħajt li jidher illum. Fuq l-artal hemm gwarniċ li huwa miżmum minn erba’ anġli, bil-kwadru li juri lil Santa Katerina wieqfa tħares lejn is-sema minn fejn jidher anġlu nieżel b’kuruna tar-rand biex ipoġġiha fuq ras il-qaddisa. Fuq kull bieb tas-sagristija hemm arma ta’ xi kavallieri li jista’ jkun jew kienu benefatturi jew kienu joqogħdu l-Qrendi.

Fis-sena 2000, il-parroċċa għażlet li tirrestawra din il-kappella bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-bidu ta’ Millenium ġdid. Illum il-ġurnata din il-kappella tintuża sabiex fiha jsiru laqgħat u attivitajiet oħra.

*Kitba: Louis Fenech*
*Miġbura minn diversi sorsi*

*Ritratti: N Gingell*


L-artal maġġur u t-titular ta’ Santa Katarina